KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 11

**It-Tnejn 17 ta' Marzu 2025**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-6:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dale Hayman – Sindku
Len Abela Vassallo – Viċi Sindku
Simon Fenech – Kunsillier
Antoine Vella - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Anton Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Shawn Tanti – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 11.1 Qari tal-Apoloġiji

11.1.1 Is-SE informa li l-Kunsillier Anton Mifsud talab sabiex ikun skużat.

## 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

11.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżenta l-minuti tal-laqgħa numru 10 li kienu meqjusa moqrija

11.2.2 Il-minuti tas-seduti ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 11.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

11.3.1 Is-Sindku nforma li applikajna għal bosta xogħlijiet oħra mal-public works permezz tal-framework agreement

11.3.2 Is-Sindku nforma wkoll li kien ser jiltaqa mal-Oronevoli Omar Farrugia u mal-Hon Miriam Dalli fuq xogħlijiet fl-Imtarfa.

## 11.4 Jum L-Imtarfa

11.4.1 Is-Sindku ħabbar il-programm ta' Jum L-Imtarfa fejn din is-sena il-programm ġa jsir matul il-ġurnata kollha. Filgħodu se nibdew b'quddies, kompetizzjoni tat-tpinġija, tkerik tal-annimali kif ukoll ftuħ tal-esebizzjonijiet varji. Filgħaxija ser ikun hemm is-serata Muziko Letterarja fejn il-qofol tiegħu ikun bl-għoti ta' Ġiħ L-Imtarfa.

11.4.2 Il-Kunsilliera qabblu li dan għandu jsir.

## 11.5 Depiro

11.5.1 Is-Sindku sostna li għalkemm il-proġett huwa wieħed interessanti, pero għal ġid tar-residenti dan il-proġett għandu jiġi rivedut sabiex ikun jirrispetta lir-residenti ta' din l-akwata.

11.5.2 Il-Kunsilliera qablu li dan għandu jsir.

## 11.6 Triq Salvatore Manduca

11.6.1 Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw ma TM sabiex isiru l-Bollards dan wara li qed ikun hemm abbuż ta' parking. Il-parking hawnhekk għandu isiru f'linja waħda.

11.6.2 Il-Kunsilliera qablu li dan għandu jsir

## 11.7 Sinjali tat-Toroq

11.7.1 Is-Sindku propona sabiex isiru is-sinjali tat-toroq fi Triq l-Imtarfa

10.7.2 Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw.

## 11.8 Punti Oħra

Is-Sindku nforma li fis 22 u 23 ta' Marzu ser ikun hawn attivita tal-Partit Laburista fic-Ċentru tal- Viżitaturi

## 11.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

11.9.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 10/2024), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Fenech issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 11.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

11.10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7:35pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar il-Ħamis 10 ta' April 2025 fis-18:00.

| | |
|---|---|
| Dale Hayman<br>Sindku | Shawn Tanti<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |